MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 275/2002

Il-Pulizija
(Spettur R. Gregory)
Vs
Jacqueline Zammit

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 t'Awissu, 2002, fit-23 t'Awissu, 2002, fl-24 t'Awissu 2002 u fil-31 t'Awissu 2002, meta hekk ordnata permezz ta' Digriet numru 422/02 RCP moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex taghti access lil wild Luke Zammit taht il-kustodja taghha, rrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2002, li biha, wara li rat l-artikolu 338 (ll) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabita hatja tal-akkuza kif addebitata lilha w lliberatha bil-

kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2002, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha w konsegwentement tilliberaha minn kull htija w piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' : I. li l-Ewwel Qorti ma laqghetx l-eccezzjoni proceduralі taghha dwar l-izbalji li kien hemm fic-citazzjoni nkluzi zbalji sija rigward id-Digriet u sija dwar il-hinijiet ta' access , meta pratikament ma kien hemm xejn korrett fil-komparixxi . 2. Li fil-mertu hi giet aggravata mill-analisi li addottat l-Ewwel Qorti biex waslet biex tikkonkludi li l-appellanti ma kienetx ippruvat , fuq bazi ta' dubju ragonevoli li kellha raguni xierqa biex ma tottemperax ruha mad-drigriet tal-Qorti u ghax applikat il-principji korretti ta' ligi minnha enuncjati zbaljatament ghall-fatti tal-kaz. Illi l-Ewwel Qorti ma addottatx l-interpretazzjoni aktar wiesgha minn dik ta' "just cause" izda applikat interpretazzjoni aktar rigoruza tal-"proper cause"; Li ma giex moghti piz lill-fattur li f'dan il-kaz iz-zewg partijiet kellhom il-kura w kustodja tat-tfal minuri fdata lilhom konguntivament ; Li l-fatt li l-omm spiccat halliet wiehed mit-tfal imur ghand missieru ma kellux jigi interpretat li l-omm ma kellhiex raguni xierqa biex ma tibghatx lill-minuri ghand missierhom ; kif ukoll li l-fatt li l-appellanti sussegwentement hasset li kellha taghmel rikors lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex il-materja tigi regolata mill-Qorti ma kellux jigi interpretat b'mod negattiv kontra taghha.

Semghet mill-gdid ix-xiehda ta' x-xhud tal-Prosekuzzjoni Gordon Zammit u tal-imputata appellanti fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2003;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta;

Ikkonsidrat ;

Li dwar il-fatti tal-kaz irrizulta li l-konjugi Zammit li jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni , ghandhom zewgt itfal minuri Dirk u Luke . Fil-kors tal-kawza ta' separazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, din l-ahhar Qorti giet mitluba li taghti provvedimenti varji dwar l-access li l-missier Gordon Zammit kellu jkollu ghall-imsemmija minuri li kien qed jghixu mall-omm , l-appellanti , li kellha l-kura w kustodja taghhom konguntivament mall-missier . Hekk fil-11 ta' Gunju, 2002 jidher li l-Prim' Awla kienet tat-Digriet li bih , filwaqt li kkonfermat li l-kura w l-kustodja tal-ulied kellha tibqa' konguntiva , ordnat li l-minuri ghalissa jibqghu jghixu mall-omm b 'dan li l-missier kellu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Tlieta w Hamis bejn il-4.30 pm sa 7.30 pm. u darba s-Sibt u darba l-Hadd , alternattivament kull weekend mid-d-9 am. sas-6 p.m. (fol. 18 tal-process) . Illi dan id-Digriet kien gie varjat fuq talba tal-missier b'Digriet iehor tas-17 ta' Lulju, 2002 fis-sens li fil-vaganzi tas-sajf l-access f'nofs il-gimgha fil-granet fuq indikati kellu jkun mill-4.30 p.m. sa' 8.30 p.m. (Fol. 8 tal-process) .

Konkomitantement ma din il-battalja bejn il-konjugi dwar il-hinijiet tal-access , jidher li fegget kawza ohra ta' dissidju matrimonjali w dan minhabba l-fatt li l-missier ried li jiehu t-tfal ghand psikjatra tat-tfal li jkun maghzul b'konsultazzjoni bejn il-konjugi (ara ittra tal-Avukat a fol.27) mentri l-omm kienet opposta ghal dan kif jidher mill-ittra in risposta tal-avukat taghha (Fols. 28-29 tal-process). Peress li minkejja tali oppozizzjoni jidher li l-missier xorta wahda kien ha t-tfal ghand "child pschyiatrist" , l-omm iddecidiet li ma thallix it-tfal imorru ghand il-missier . Wara xi jumejn pero' halliet lill-wiehed mit-tfal Dirk ,li skond ma tirritjeni l-appellanti fir-rikors u fix-xiehda taghha , rribella kontra did-decizjoni w ried li jithalla jmur ghand missieru . Iz-zghir Luke pero' xorta wahda ma intbaghatx ghal xi numru ta' granet. Saru ghalhekk ir-rapport mertu ta' din il-kawza w tal-kawza l-ohra li l-appell dwarha qed jigi deciz ukoll illum . F' din il-kawza d-dati li fihom l-appellanti qed tigi akkuzata li ma tatx l-access ghall-minuri Luke Zammit biss huma dawk tat-22, 23, 24 u 31 t' Awwissu , 2002 .

Illi l-ewwel eccezzjoni li giet deciza mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w li tifforma ukoll il-mertu tal-ewwel aggravju tal-appellanti tirrigwarda l-korrettezza o meno tal-kliem tac-citazzjoni jew komparixxi . L-appellanti fir-rikors taghha tissenjala diversi difetti fl-istezura tal-komparizzi w tghid li din id-dicitura ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 360 (2) tal-Kap. 9 . In effetti huwa minnu li d-Digriet tal-Prim' Awla ma jgibx in-numru 422/02 RCP ghax dan in-numru hu dak tac-citazzjoni li fil-kors taghha saru d-diversi rikorsi w inghataw id-digrieti dwar l-access. Hu minnu ukoll li ma tissemmiex id-data tad-Digriet li mieghu ma ottemperatx ruha l-appellanti . Hu minnu ukoll li ma jissemmiex il-hin li fih kellu jinghata l-access fid-dati imputati. Hu veru wkoll li id-dicitura "biex taghti access wild Luke Zammit" hi wahda nfelici ghaliex proprjament l-ordni hu li l-missier Gordon Zammit jinghata access GHALL minuri Luke Zammit.

Illi din l-eccezzjoni giet trattata fis-sentenza appellata b'riferenza ghas-sentenza l-ohra mertu tal-appell numru 276/2002 deciz illum fejn l-Ewwel Qorti ccitat il-gurisprudenza in materja w fil-waqt ukoll li ghamlet rakkomandazzjoni lil Prosekuzzjoni biex toqghod aktar attenta fl-istezura ta' akkuzi simili, xorta wahda hasset li setghet tipprocedi w tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-appellanti bla ma tordna xi korrezzjonijiet u okkorrendo takkorda lill-appellanti differiment , jekk din kellha tinsisti ghalih.

Din il-Qorti ezaminat il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w taqbel ma l-Ewwel Qorti li nonostante l-inezattezzi w difetti fl-istezura tac-citazzjoni , l-appellanti kienet taf sew biex qed tigi akkuzata w li tali nezattezzi ma naqqsulix mid-dritt taghha li tkun taf b'hiex ezatt qed tigi akkuzata w biex tkun tista tipprepara d-difiza taghha. Di fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar liema digriet jew digrieti jirregolaw id-dritt tal-access ghall-minuri w l-hinijiet li fihom kellu jinghata dan l-access b' mod li l-appellanti setghet titfixkel meta tigi biex tiddefendi ruha . Illi lanqas jidher li kien hemm xi konfuzjoni f'mohh l-appellanti dwar l-isem tal-minuri li kellu jkollu access

ghalih il-missier fil-granet imsemmija. Id-dati kienu cari fil-komparixxi w ladarba kienu stabiliti l-granet , il-hin tal-access kien isegwi wahdu skond id-Digrieti tal-Qorti esebiti . Di fatti l-appellanti dehret u ikkontestat il-kawza principalment fuq il-fatt li meta u fejn ma inghatax l-access , dan kien sar ghal raguni xierqa. Ghalhekk l-element tal-hin fir-rigward tan-nuqqas ta' ghoti tal-access ma kienx wiehed importanti f'dan il-kaz , ghax il-kwistjoni kienet jekk kienx inghata access u jekk le ghaliex u mhux jekk xi hadd ittardjax xi kwarta jew nofs siegha fl-ghoti ta' tali access. .

Ghalhekk l-Ewwel Qorti gustament irriteniet li setghet tipprocedi fuq il-komparixxi kif miktuba w wara li ccitat il-gurisprudenza applikabbli ghall-kaz, irriskontrat il-htija fid-dati imsemmija fil-komparixxi. Konsegwentement l-aggravju tal-appellanti dwar l-inezattezzi fl-istezura tal-komparixxi w dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tordna xi korrezzjoni fil-komparixxi mhux fondat .

Illi dwar il-mertu , din il-Qorti terga ttenni dak li diga' gie ritenut minnha diversament preseduta w cioe' li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed , inkella facilment f'kawzi bhal dawn , fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli , din il-Qorti tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili . Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh , imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni .

Fil-kaz in ezami jidher li l-appellanti hasset li zewgha ma kellux jaghmel fattieh u kontra l-oppozizzjoni taghha jiehu t-tfal minuri ghand psikjatra . Izda minnflok ma rrikorriet mill-ewwel quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili , kif spiccat ghamlet eventwalment , hadet il-ligi b'idejha w ma hallietx lit-tfal imorru ma missierhom. Ghall-ewwel ma baghtix liz-zewg ulied , izda meta Dirk skondha rribella w insista li jmur, hallietu jmur u ma hallietx lil Luke biss imur .

Issa kif del resto irriteniet il-Prim' Awla fid-Digriet appozitu li tat fis-16 ta' Settembru, 2002 fuq ir-rikors tal-appellanti (fol. 38 tal-process) kull parti kellha tosserva "ad unguem" il-kondizzjonijiet kollha dwar l-access tat-tfal b'dan li hadd m'ghandu jvarjhom arbitrarjament , anki jekk laqghet it-talba tal-appellanti biex kull parti ghandha tieqaf milli tiehu lill-ulied ghall-ezamijiet psikologi jew psikjatrici minghajr ma qabel taderixxi lil dik il-Qorti biex tawtorizzhom . Igifieri l-istess Qorti li tat id-Digriet tal-access implicitament iccensurat lill-appellanti ghax hadet il-ligi f'idejha w varjat arbitrarjament l-applikazzjoni tieghu.

Bl-istess mod din il-Qorti , bhall-Ewwel Qorti w bhal Prim' Awla tal-Qorti CIvili ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellanti meta ddecidiet li ma tibghatx it-tfal u aktar tard wiehed minnhom ghand missierhom fil-jiem u hinijiet ordnati fid-digriet tal-access. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-raguni li adduciet l-appellanti la taqa' taht raguni gusta w lanqas taqa' taht raguni xierqa . Din kienet kwistjoni biss ta' divergenza ta' opinjoni dwar x' kien ta' gid jew nociv ghall-minuri w l-opinjoni taghha setghet kienet gustifikata w setghet ma kienetx . Kienet x'kienet , l-appellanti , jekk hasset li din il-vertenza kienet daqshekk importranti li fuqha riedet taghmel "stand", il-mod legalmernt korrett hu dak minnha sussegwentement addottat u cioe' bir-rikors li kopja nformi tieghu tinsab a fols. 35 sa 37 tal-process u mhux billi tiehu l-ligi f'idejha kif ghamlet . B'raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti , raguni oggettivament xierqa w mhux li tkun biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-acces., Ezempju ta' dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Ebejer" 19.12.1996) .

Anki l-fatt li l-appellanti kellha l-kustodja w kura konguntiva tat-tfal minuri ma kienx jintitolha li tagixxi unilateralment kif agixxiet. Umbaghad l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tigbed argumenti fil-motivazzjoni tas-sentenza mill-fatt li l-appellanti spiccat baghtet wiehed mit-tfal mall-missier xorta wahda u mill-fatt li ukoll spiccat tablet lill-Prim' Awla

tal-Qorti Civili biex tirregola din il-vertenza dwar jekk it-tfal kellhomx jittiehdu ghand psikjatra jew le.

Ghalhekk anki l-appell fil-mertu jidher infondat u qed jigi respint .

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appelata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------